# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Settembru - Diċembru 1996 Nru. 92-93


## *Il-Kelma ta' l-Arcipriet*

# IL-PRESEPJU TAS-SENA 1996

Fil-Ktieb ***"Leggenda Perugina"*** naqraw li Francesco kellu ġibda ferm ikbar lejn il-Milied milli lejn kull Solennita' oħra tal-Mulej. Naqraw ukoll li sabiex ikun "jista' jikkontempla b'għajnejh il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni", il-Fqajjar t'Assisi ivvinta l-**Presepju.**

Il-Presepju jdaħħalna fil-qalba tal-Milied, festa ta' laqgħa ma' Kristu: laqgħa vertikali meta niltaqgħu ma' l-Iben t'Alla magħmul bniedem, u laqgħa orizzontali meta niltaqgħu miegħu f'ħutna l-bnedmin, b'mod speċjali ma' ħutna l-foqra.



Għall-grazzja t'Alla l-parti l-kbira tad-djar tagħna għadek issib il-Presepju. Din hi ħaġa ta' min ifaħħarha, għaliex turi li l-familji tagħna, ta' l-inqas f'numru kbir minnhom għadhom jistgħu jiġu meqjusa bħala *"knejjes ċkejkna tad-dar"*. Iżda ma rridux nikkuntentaw ruħna, sempliċement li jkollna presepju f'djarna. Jekk irridu li dan il-Presepju jħalli ġid mill-aqwa fina hemm bżonn li meta nħarsu lejh nifthu beraħ għajnejna għal kull dettal tiegħu, u nisimgħu sa l-iċken kelma li jkun irid jgħidilna.

❑ **Ix-Xenarju:** (il-panorama u l-għoljiet) iridu naraw fih ix-xenarju tad-dinja ta' llum, fejn bosta bnedmin qed jgħixu l-kalvarju tagħhom f'dawk il-postijiet fejn l-id qerrieda tat-terremoti ħeżżithom u farrkithom, fejn il-qilla tan-nirien ħarqet u qatlet l-ambjent, fejn il-ħamla mgħaddba tal-għargħar biddlet il-wiċċ ta' l-art minn kif wieħed kien jafha qabel.

❑ **Il-Madonna:** Għandha l-wiċċ ta' tant ommijiet li jarmu minnhom il-ferħ tal-maternita', u li jimlew kull imkien bid-dawl u bl-imħabba għammiela.

❑ **San Ġużepp:** ir-raġel tal-Milied, umli, ta' qalb ħelwa, dejjem f'postu, qatt ma jidher fl-ewwel paġni, bieżel u ħawtiel, jaħdem u jistinka biex jaqla' l-ħobża ta' kuljum għall-familja tiegħu.

❑ **Ir-Rgħajja:** fuq wiċċhom jidher il-faqar ta' dawk iż-żoni fejn qed jgħixu, maħkuma minn bnedmin ħallела. U biex tkompli tagħqad, ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' Erodi ġdid, li jkompli jisirqilhom il-liberta' tagħhom.

❑ **L-Anġli:** li jħabbru l-misteru tas-salvazzjoni, ikkonfermat mid-demm imċarċar tal-martri ġodda tat-terroriżmu.

❑ **Il-Bambin Ġesu':** ċkejken u mneżża', jidher fit-tfal imġewwħa tat-Tielet Dinja, f'dawk "iltiema ġodda" ta' koppji miżżewġa separati, fi tfal misruqa u mibjugħa għal skopijiet oxxeni ta' nies li tilfu kull sens ta' imħabba u rażan.

Fil-fatt il-Milied ta' gwerra, il-Milied tal-Għuħ, il-Milied tal-Biża' u Terrur għadhom ma spiċċawx. Il-kewkba b'xuxitha fiddieni tidher qisha qed tintefa' u tnin quddiem id-dellijiet koroh tal-kavallieri li niltaqgħu magħhom fl-Apokalissi.

Jekk minn banda waħda nistgħu forsi nserrħu rasna li l-missili mmirati minn pajjiż għall-ieħor ta' l-Ewropa kważi sparixxew għal kollox, mhux l-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-egoiżmu, il-mibgħeda, u l-ġibdiet għall-ħażen li jbejjtu f'qalb il-bniedem. L-istess ħażen ta' dari li żmien ilu ħafna xegħel il-korla ta' Erodi biex għadab bis-sħiħ kontra trabi innoċenti, għadhom jinħassu llum mnissla fi qlub ta' nies ta' bla ebda prinċipju.

Ġesu' Bambin, bla saħħa, għeri, fqir u innoċenti għadu jkun l-ewwel vittma ta' min irid għalih id-deheb, l-inċens u l-mirra li Ġesu' stess kif ukoll it-tfal kollha tad-dinja għandhom dritt għalihom. L-Umanita' qed tmiss il-qiegħ tagħha proprju permezz ta' nuqqas ta' imħabba lejn it-tfal iż-żgħar.

Iżda, għeżież: ejjew nagħmlu kuraġġ! Din it-Tarbija Divina, minkejja id-dwejjaq, it-tifrik u l-mewt, terġa tiftaħ beraħ l-istorja tal-bniedem ġewwa l-presepju. Għaliex ġo kull presepju hemm **"twelid".** U aħna nemmnu li kull twelid ifisser tama. It-Twelid ta' l-Iben ta' Alla u tal-bniedem huwa Qawmien.

***Nixtieq lil kulħadd Milied Qaddis, mimli ferħ, paċi u tama għal dinja aħjar.***

**Arcip. Salv Borg**

IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel: 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

08.07.96: ALESSANDRA, bint Philip Haber u Grace nee' Grima
13.07.96: JONATHAN, iben George Cauchi u M'Assunta nee' Borg
20.07.96: ALEXANDRA, bint Joetienne Abela u Veronica Mifsud
10.08.96: MARIKA, bint Vincent Borg u Ursola nee' Mercieca
18.08.96: MICHELA, bint Saviour Micallef u Francene nee' Zammit
25.08.96: SIMON, iben Joseph Piscopo u Marlene nee' Mizzi
31.08.96: JOSEPH, iben Raymond Muscat u Rita nee' Galea
12.09.96: PAUL, iben Carmel Theuma u Margaret nee' Xerri
22.09.96: KEITH MARIO, iben Joseph Brignoli u Martha nee' Vella
05.10.96: GEORGE, iben John Cauchi u Mary Carmen nee' Vella
05.10.96: KARL, iben John Cauchi u Mary Carmen nee' Vella
05.10.96: MANUEL, iben John Cauchi u Mary Carmen nee' Vella
19.10.96: DIANE MARIE, bint Joseph Grima u Carrie nee' Bajada
19.10.96: ANNA MARIJA, bint Marti Vella u Frances nee' Camilleri
20.10.96: MICHEL, iben Iro Bezzina u Rosalie nee' Borg
27.10.96: CLARA, iben Dr. Anton Grech u Marla nee' Vassallo
10.11.96: SAMUEL, iben George Farrugia u Bernardette nee' Axiak
16.11.96: JACOB, iben Carmel Azzopardi u Anna nee' Bugeja
22.11.96: GEORGE, iben Raymond Borg u Maria nee' Farrugia
23.11.96: ROSE MARIE, bint Anton Grima u Josephine nee' Cassar

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

06.07.96: JOSEPH ATTARD + JOYCE BORG
07.07.96: STEPHEN FARRANTE + TANYA MICALLEF
07.07.96: GLENN SPITERI + CLAUDIA MERCIECA
13.07.96: CLAUDIO TERRIBILE + MARLENE XERRI
25.08.96: TONY CAUCHI + GLORIANNE SAID
21.09.96: GEORGE MERCIECA + CARMEN GALEA
28.09.96: MICHEL REFALO + CLAUDINE MERCIECA
05.10.96: MICHAELANGELO SULTANA + LOUISE ANNE CASHA
30.11.96: MARK SACCO + MONICA FARRUGIA

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

10.07.96: MARIJA PACE
24.08.96: MARIA ANTONIA GRIMA
24.08.96: ĠUŻEPPI ZAMMIT
26.09.96: CONCETTA SCHEMBRI
03.10.96: ĠUŻEPPA CAMENZULI
26.10.96: MIKIEL ANĠELO ZAMMIT
20.11.96: CARMELA VASSALLO

*Editorjal. . .*

# MILIED IEĦOR!

***Kulmin għandu erbat ijiem ġmielhom jgħid bla ma jrid li ż-żmien igerbeb u jgħaddi u filli s-sajf u filli x-xitwa. Iż-żmien taraħ għaddej qisek qed tgħix ħolma. Wasal Milied ieħor! Bilfors tgħid kemm jgħaddi ż-żmien.***

***Iżda ngħidu x'ngħidu, dan iż-żmien inissel fina ċertu ferħ li anke l-ikbar midneb iħoss ġo fih u li ma jistax jaħsrab minnu. Id-dinja ta' illum, bit-tlellix u l-materjaliżmu tagħha tgħinna nostru l-għajb li xi kultant inkunu waqajna fih, u xorta waħda ningħaqdu ma dawk kollha li jkunu qed jiċċelebraw il-Milied. Imma il-Milied li jkunu qed jiċċelebraw xi wħud huwa biss Milied ta' konsumiżmu sfrenat, Milied ta' divertiment, Milied nieqes mill-propju valur nisrani li suppost għandu jfakkarna fih.***

***Id-dwal, rigali, tlellix, tiżjin, ikel, xorb, parties u mitt ħaġa oħra qed inessuna li f'dawn il-ġranet ta' ferħ qaddis għandna niftakru x'ġara verament f'dak il-lejl singulari fil-agħar ta' Betlem. Kollox inessina li dak in-nhar twieled għalina Salvatur u Feddej. Hawn min, għax idaħħal idu fil-but u jgħati mill-flus li għandu għall-karitajiet, iħossu donnu li qeda dmiru f'dawn il-ġranet. Jinsa l-iskop ta' din il-festa għażiża!***

***Kemm qed inkunu boloħ u kultant ngħidu li din festa tat-tfal. Huwa veru li t-tfal jiġġennu għal dan iż-żmien ta' ferħ , imma għandu jiġġennen kull nisrani li jħoss ġo fih il-vera fidi li huwa jħaddan. Kull nisrani għandu jħoss ferħ speċjali fil-Milied. Għandu jinduna bħala nisrani matur li Kristu l-Feddej sa mill-ewwel siegħat ta' l-eżistenza tiegħu bħala bniedem fuq wiċċ din l-art beda jsofri u jbati biex jifdi lil-uminanita' mid-dnub. U għalhekk dan il-jum tal-Milied għandu jimliena bil-ferħ.***

***J'Alla l-Milied li ġej isibna ħerqana nistennew lill-Feddej biex niftakru f'dak li huwa għamel għalina. J'Alla l-Milied inssel f'kull wieħed u waħda minna ferħ qaddis li jressaqna iżjed lejn l-għajn ta' kull grazzja tas-sema - Ġesù Bambin.***

***Nixtiequ lill-qarrejja kollha Milied hieni u mimli ferħ qaddis.***

# ERĠAJT MAGĦNA

Milied ieħor rega' magħna,
Kif jitgerrbu b'ħeffa s-snin!
Għal darb'oħra qed infakkru
Twelidek Ġesu' Bambin.

Qalb il-bniedem tfur bil-hena
Dal-ferħ jaħkem kullimkien
Kbar u żgħar bejniethom jaqblu -
Il-Milied hu l-isbaħ żmien.

Kemm nixtieq dil-festa għażiża
Tkompli sseddaq fostna s-sliem
Jgħibu l-gwerer u l-miżerja,
Tagħhom jiġi fis it-tmiem.

Ħabieb, fil-għar ċkejken ta' Betlem
Ġesu' ried il-paċi jġib;
Ejjew mela lkoll nishru
Biex il-għadu jsir ħabib.

Dan li fuq l-għar kantaw l-anġli
Meta ttajjru mas-smewwiet
Illi l-għors u l-ferħ tal-Ġenna
Fost il-ġnus kien issa ġiet.

Minn ġol-grotta Bambin ħelu
Ħares lejna, bexxaq biebek
Qlubna fawwar bl-akbar hena
Żommna ħdejk; aħna uliedek.

Bierek 'l Għawdex, Malta tagħna -
Morda anzjani, l-imnikktin
Fejn hemm firda, reġġa' l-għaqda,
Inti għajn ta' ilma bnin.

Li kull għatx mill-ewwel taqta'
Ta' min dlonk jersaq fi ħdanek;
Ibdel qalbna bħal ta' l-anġli
Li henjin kantaw madwarek.

O li kien dal-ferħ Miliedi
Jibqa' magħna tul is-snin!
Kieku d-dinja żgur tgħix hienja
U kull hemm bil-mod inin.

*Diċembru '96* *Kav. Joe M. Attard.*

## MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ 6

# Il-Pittur Ġużeppi Grech (1755-1787)

*~ mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap ~*

Il-Pittur Ġużeppi Grech twieled fil-Belt Valletta fis-7 ta' Novembru tal-1755. Sa minn eta' żgħira huwa wera ġibda lejn il-pittura. L-ewwel ftit disinji li ħażżeż Ġużeppi Grech urew il-frott bikri tal-ġenju tiegħu. Sewwa jgħid il-Malti li *"il-jum minn filgħodu jurik"*. Barra minn hekk, hija verita' li, bħalma l-poeta jitwieled poeta (*poeta naxitur*), hekk ukoll l-artisti l-oħra kollha. Il-ġenju huwa għaġna fin-natura tal-bniedem għaqli, dak il-bniedem li jimxi fuq is-sejhat li jħoss huwa biss fih innifsu.

Il-pittura hija ħolqien ideali imwieldha fil-bniedem. Għalhekk hemm l-istil differenti u kull artist jinfired minn ieħor. F'dan il-każ l-arti sabiħa tal-pittura sabet ġenju ieħor fil-persuna ta' Ġużeppi Grech li għex fis-Seklu XVIII.

Fi żmien il-Gran Mastru De Rohan (1775-1797) f'Malta nsibu lill-pittur Antonio Favray. Meta Favray ra d-doni artistiċi li bihom kien imżejjen iż-żagħżugħ Ġużeppi Grech, irrikmandah lill- Gran Mastru. Dan minn naħa tiegħu ħalla lil dan Grech f'idejn il-pittur Favray.

Wara Ġużeppi Grech kien ġie mibgħut ġewwa Ruma mill-Gvern biex ikompli jiżviluppa l-arti tal-pittura. Ġewwa Ruma Grech għamel progress kbir. Fis-sena 1783 kien hemm konkors imniedi mill-Akkademja ta' San Luqa. Ġużeppi Grech daħal għal dan il-Konkors bil-kwadru tiegħu li kien juri lil Ġesu' jkeċċi lill-bejjiegħa mit-tempju. Kien rebaħ midalja tad-deheb u kiseb ukoll l-għola tifħir mill-artisti ta' dak iż-żmien. Dan il-kwadru għadu jinżamm f'din l-Akkademja famuża.

Ġewwa Ruma, il-Belt ta' l-Arti, Ġużeppi Grech ħalla żewġ kwadri oħra msemmija ħafna fl-Oratorju tal-Patri Caravita li juru: wieħed juri lil Kristu jieħu l-kundanna għas-swat u l-ieħor id-Difna ta' Ġesu'.

Il-Pittur Ġużeppi Grech pitter ukoll xogħolijiet għall-Franza u mkejjen oħra. F'Malta pitter xi kwadri bħala kummissjoni għas-swali tal-Palazz tal-Gran mastru, u kienu proprju dawn li komplu kixfu l-kobor tal-ġenju artistiku tiegħu. Ġewwa Malta, fil-Parroċċa-Matriċi tan-Naxxar insibu kwadru sabiħ tal-Flaġellazzjoni ta' Ġesu'. F'din l-Knisja Arċipretali insibu wkoll żewġ kwadri tal-Via Sagra li huma t-Tieni u it-tnax-il stazzjon.

Ġewwa Għawdex, fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ, fis-sagrestija tal-Kapitlu nsibu kwadru kbir u sabiħ ta' San Ġwann l-Appostlu u l-Evanġelista, li fih juri l-viżjoni tal- *"mara mlibbsa bix-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax il-stilla madwar rasha" (Apok. XII, v.1).*

Li kieku l-mewt ma hasditux fl-aħjar tiegħu, il-pittur Ġużeppi Grech kien ser iħalli opra oħra tiegħu: "Il-Miraklu ta' Enea" meħud mill-Ktieb "L-Eneide" ta' Virġilju.

Dan l-artista kbir li ma għamilx għajb lill-artisti Maltin ta' qablu miet bikri u għażeb fl-għomor ta' 32 sena, fis-27 ta' Settembru 1787 u jinsab midfun fil-Knisja ta' San Lawrenz in Lucina, ġo Ruma.

———

*Referenza:*
*Kan. Dun Nikol Vella Apap: Kitbiet Storja fuq Għawdex, Ms. Vol.2*

# ĠESÙ KRISTU SALVATUR UNIKU TAD-DINJA

**TAL-KARDINAL GIACOMO BIFFI**
***Arċisqof ta' Bologna***

~ ~ ~

■ **Il-Kristjaneżmu huwa persuna: Kristu**
Il-Kristjaneżmu, fih innifsu, mhux xi ħolqien ta' realta', mhux xi kodiċi ta' preċetti, mhux lituġija. La hu imbuttatura ta' solidarjeta' umana u l-anqas xi proposta ta' fraternita' soċjali. Hu ġrajja, fatt. Fatt li jinġabar kollu kemm hu f'persuna. Illum nisimgħu min igħid li fl-aħħar mill-aħħar ir-reliġjonijiet kollha huma daqs xulxin għaliex kull waħda minnhom għandha xi ħaġa tajba. X'aktarx li dan huwa veru. Iżda l-Kristjaneżmu, ma għandux x'jaqsam xejn ma dan kollu. Għaliex il-Kristjaneżmu mhux reliġjon, iżda huwa Kristu. Jiġifieri persuna.

■ **L-Identikit ta' Kristu**
Jiena qegħidt il-ħajja kollha tiegħi fuqu, l-ħajja waħdanija li għandi: u għalhekk inħoss il-ħtieġa li nikkontempla il-misteru, li nġib quddiem għajnejja l-identikit ta' Kristu. Ħafna drabi nisimgħu kliem dwar Kristu, kull tant fuq il-ġurnali jkun hemm xi wieħed li jagħmel xi *"scoop"* dwar Kristu, kull tant jivvintaw u jagħtu interpretazzjoni dwar min hu Ġesu', iżda l-uniċi testi li jkellmuna dwar Kristu huma l-Vanġeli. Għalhekk jew noqgħodu għall-Vanġeli, jew inkella nevitaw li nitkellmu dwaru. Minħabba f'hekk, ma jiena beħsiebni ngħid l-anqas kelma waħda li ma tkunx dokumentata, b'differenza għal dawk li jaqbdu u jivvintaw kotba, films u paroli.

■ **X'Tip kien?** L-ewwel mistoqsija, l-iktar waħda sempliċi: x'tip kien dan Ġesu' Kristu? Xi bniedem kien? Il-Vanġelu ma jweġibx direttament din il-mistoqsija. U biex ngħdilkom is-sewwa din il-ħaġa ddejjaqni xi ftit, għaliex kif diġa għidtilkom, jiena qgħidt il-ħajja tiegħi fuqu u l-anqas biss naf għajnejh x'lewn kellhom. Kien sabiħ jew ikraħ? Naħseb li kien sabiħ. Hemm episodju fil-Kapitlu 11 ta' San Luqa. Ġesu' kien qed jitkellem mal-folla. Ħabta u sabta, waħda mara, għajtet għajta ta' ferħ u qalet: *"Imbierek il-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!"* Ekku. Dan kien l-ewwel paniġierku dwar Kristu. U Ġesu' ċanfarha lil dik il-mara talli tkellmet dwar il-ġmiel tiegħu u qalilha: *"Imberkin dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla"*. Iżda aħna nirringrazzjawha lil din il-mara mhix magħrufa li għenitna nwiegħbu għal din il-mistoqsija preliminari tagħna: Ġesu' kien verament raġel sabiħ.

■ **Il-Ħarsa tiegħu.**
Kellu wkoll par għajnejn il-ġmiel tagħhom. Il-ħarsa ta' Ġesu kienet tolqot lil kull min kien jiltaqa' miegħu. Il-Vanġeli, l-iktar dak ta' San Mark, ta' spiss jitkellmu dwar il-ħarsa tiegħu.: tinfed lil Xmuni, li kien ġie ppreżentat lil Ġesu' minn ħuh Indri; mimlija ħlewwa fuq dak iż-żagħżugħ għani, dak li imbagħad telaq minn ħdejh għax Ġesu' kien qallu *"iħalli kollox u jimxi warajh"*. Ħarsa ta' simpatija fuq Żakkew, il-kap tal-pubblikani u l-uffiċċjali tat-taxxa li kienu lkoll ħalliela, li kien qed iħares lejh imperreċ fuq siġra tal-ġummajs. Ħarsa ta' niket fuq l-għotja tal-għonja ġewwa t-tempju; ħarsa ta' dwejjaq għal min kien qed jittradih..... Insomma, dik tiegħu kienet ħarsa li tkellmek.

■ **Kellu ideat ċari,** u dawn kien juriħom lil kulħadd. Idea mill-aktar ċari. Meta kien jitkellem qatt ma qal "Forsi", "jidhirli" "x'aktarx". U ma kellux ħajta f'ilsienu l-anqas ma dawn setgħana: tiftakru meta lir-Re Erodi qallu "volpi"?

■ **Bniedem ħieles.** Iżda waħda mill-isbaħ affarijiet ta' Ġesu' hija li kien bniedem ħieles. Anke mal-ħbieb tiegħu. Meta Pietru għamel l-istqarrija ta' fidi (kultanat kienet tiġih waħda tajba lil Pietru) Ġesu' jagħmillu paniġierku li qatt bħalu ma kien sar għall-bniedem, tant li Pietru baqa' b'ħalqu miftuħ b'dak li sema'. Iżda imbagħad meta Ġesu' ħabbar li d-destin tiegħu kien li jittieħed għall-mewt, Pietru, li diġa kien qed iħossu l-"Ewwel Ministru tas-Saltna ta' Alla" jaqbdu min driegħu u jċanfru. Ġesu' l-anqas biss ħares lejh u jkellmu aħrax: "Itlaq minn quddiemi ja xitan, int m'intix taħseb fuq il-ħwejjeġ ta'Alla iżda fuq il-ħwejjeġ tal-bnedmin". Ma tistennihx kliem bħal dan lil wieħed ħabib.

■ **Iktar ħieles ma' qrabatu:** Xi kultant ma' dawk li jiġu minnu kien donnu jidher agħar. Meta Ġesu' jitlaq lil daru, meta kellu tletin sena, huma ħasbuħ qed jiġġennen. Jgħidilna l-Vangelu ta' marku, fit-Tielet Kapitlu: "Qrabatu, malli semgħu, ħarġu biex iżommuħ, għax qalu li tilef moħħu". Imbagħad meta n-nies bdiet tmur warajh, il-qraba ippruvaw jersqu lejn huma ukoll, għaliex fehmu li kien qed jakkwista ċertu setgħa u fama. għalhekk isejħu lil Marija sabiex tikkonvinċih jirritorna magħhom. U Hu? Jifhem minnufih, u jagħmilha ta' bir-ruħu li anqas lil ommu ma kien qed jagħraf.

■ **Ġesù iħobb:** Iżda ara taħsbu li kien xi bniedem imqit. Ġesu' iħobb. Ħafna. Qabel kollox lit-tfal. Kien jifhimhom, ħaġa li aħna l-kbar ma aħniex mżejjna biha. Ħafna drabi meta nitkellmu magħhom, nistaqsuhom biss kemm għandhom snin, f'liema klassi qegħdin.... Affarijiet li ftit li xejn jinteressawhom lit-tfal.. Mentri Hu jgħid: "Ħalluhom lit-tfal jiġu għandi". Kien iħobb ukoll lill-ħbieb. Kellu sens kbir ta' ħbiberija.. Per eżempju kien ħabib kbir tad-dixxipli tiegħu; u fost dawn kellu rabtiet speċjali ma' Pietru, Ġakbu u Ġwanni; u fost dawn it-tlieta kellu lil Ġwanni bħala l-aqwa ħabib. Insomma, anke hu kellu l-preferenzi tiegħu. Li hija ħaġa ġusta, mhux hekk. Mhux il-ħbieb kollha huma l-istess. Ġesu' kien iħobb ukoll lill-poplu tiegħu. Kien iħoss li hu veramanet Lhudi, Iżraelita. Tant li ħsieb biss tal-qerda ta' Ġerusalem bikkih.

■ **Attenzjoni għad-dettalji:** Iżda hemm ħaga oħra fil-personalita' ta' Ġesu' li lili dejjem laqtitni: l-attenzjoni tiegħu għad-dettal. Ġesu' kien dejjem attent għall-affarijiet l-iktar żgħar tal-ħajja, anke minħabba l-fatt li kien jista' imbagħad jużahom għall-parabboli tiegħu. Tiftakruha di dwar is-Saltna ta' Alla li tixbaħ lil waħda mara li tieħu ftit ħmira u tħallatha u tagħġina mal-għaġna kollha sabiex tikber u tiffermenta? Jew inkella dik dwar dak ir-raġel li dejjaq lil dak is-sid bit-taħbit tiegħu fuq il-bieb, u kellu jagħtih dak li talab sabiex jeħles minnu? Tassew. Ifakkruna f'dawk id-disa' snin li għamilt Kappillan ġewwa Legnano: kien hemm mara li kienet tiġi tfittixni kuljum, dejjem tgerger dwar żewġha. Issa, jien xi stajt nagħmlilha? Żgur li ma kont nasal qatt biex noqtlu u neħlisha minnu.

■ **Musbieħ il-lejl:** Hemm ħafna episodji oħra x'insemmgħu. Fil-kapitlu

# LEJN IS-SE

## 1997 - IS-SEN

*Illum qed nagħti bidu għal serje ta' artikli n apposta biex iħejjuna għall-Ġublew tas-Se Dawn huma artikli meħuda minn rivisti ba nittamaw ikunu ta' għajnuna għal kulħadd.*



# ...ENA 2000

# ...A TA' ĠESÙ

*...iktuba*
*...na 2000.*
*...ranin, li*



7 ta' San Luqa nsibu li Ġesu' kien fi pranzu għand wieħed mill-kapijiet tal-fariżej: f'ħin minnhom ġiet warajh waħda minn dawk in-nisa li l-anqas naf kif taqbad issejjħilhom. Ejja insejjħulha "musbieħ il-lejl". Din il-mara resqet lejh u bdiet tikkumplimentah, tidilku bil-fwieħa. Kienet xena skabruża. Daqs li kieku waqt pranzu parrokkjali li għalih il-Kappillan ta' Granarolo jistieden għall-ikel lis-Sindku u lill-Marixxall tal-Pulizija, tidħol mara tat-triq u tibda tikkumplimentah.... U safrattant, Ġesu' ma nfixilx. Anzi ddefendiha għall-aħħar.

■ **Figura Umana Eċċezzjonali: Iżda daqshekk biss?** Mill-Vanġelu aħna nagħrfu figura umana eċċezzjonali. Tant li meta Ponzju Pilatu ppreżentah lill-folla, jgħid: "Ekku l-bniedem". Iżda jiena ngħid: Dan hu l-punt! Ġesu` kien biss bniedem? Għaliex anke l-parti l-kbira tan-nies li ma jemmnux jikkunsidrawh bniedem kbir, li għandu jiġbed lejh l-istima ta' kulħadd. Iżda din hija posizzjoni li ma tantx taħdem, jekk aħna naraw Ġesu` stess x'qal għalih innifsu. Eżempji? Sejjaħ lilu nnifsu "Bin il-bniedem", li kien titlu użat fil-profeziji ta' Danjiel biex jindika persunaġġ misterjuż li kellu jiġi mis-sema u li kellu jġib fit-tmim l-Istorja. U b'dan Ġesu` jaċċenna għal oriġini ċelesti tiegħu kif ukoll id-definittivita' tiegħu. Imbagħad, jgħid li hu "ikbar minn David"; u David kien ir-Re ideal, l-ideal tal-monarkija u tar-regalita' għal-Lhud.

■ **Hu iktar minn bniedem:** Iżda x'ktarx li l-aktar ħaġa serja jgħidu fid-Diskors tiegħu tal-Muntanja: "Imberkin il-fqar..." u jibqa' nieżel, tiftakru? Tajjeb. F'dak id-diskors jgħid fost l-oħrajn: "Smajtu x'intqal fl-imgħoddi 'la toqtolx'. Imma jiena ngħidkom..." Ieqfu aħsbu ftit: b'din il-frasi Ġesu` kważi "jikkoreġi" ir-Rivelazzjoni ta' Alla. Hu jżomm għalih is-setgħa li jiġġudika lill-bniedem. U min seta' qatt jagħmel dan jekk mhux xi ħadd li kien jemmen li hu Alla? U l-affarijiet l-oħra li kien jirrakkomanda? "Min jagħti ħajtu għalija jsibha....". Isma' li tagħti ħajtek għal xi ħadd mhux ħaġa taċ-ċajt. Darba, waqt Viżta Pastorali, kien hemm tifel li staqsieni: "Imma inti lest li tagħti ħajtek għal Mulej?" Jiena ħsibtha ftit, imbagħad għidtlu: "Jiena naħseb li kont nasal li nagħti ħajti lill-Mulej. Iżda mhux 'easy' tafx!" Dan kien tentattiv biex inżewweġ flimkien id-dmir mas-sinċerita'. F'post ieħor insibu: "Agħti jiekol lil ħuk, għaliex fih inti tara lili". Jekk wieħed mazzinjan storiku kellu jgħid: "Għinu lil ħutkom għaliex fihom intim taraw lil Giuseppe Mazzini", kien ikun qal ħaġa li ma kienet ser tqanqal lil ħadd, għaliex wieħed fqir ħaj huwa iktar importanti minn Mazzini mejjet. Iżda Ġesu`? Ġesu` jħallas bil-ħajja ta' dejjem. Jgħidulna ukoll San Mark, fil-Vanġelu tiegħu, b'mod kemmxejn umoristiku: " Min iħalli lil missieru u lil ommu, l-għelieqi, id-dar minħabba fija, jkollu mitt darba iktar. Flimkien mal-persekuzzjonijiet u l-ħajja ta' dejjem." Bħal dak li qallu: l-ewwel erbgħa daqqiet primi. Imbagħad il-ħajja ta' dejjem.

■ **Ġesu' huwa Alla:** Għaliex il-fatt hu li Ġesu' kien veru bniedem kbir, bniedem eċċezzjonali. Iżda fuq kollox huwa ALLA. Hu l-Iben ta' Alla. Mhux bl-istess mod kif aħna ulied Alla, bħalma huma l-kreaturi kollha, bħalma huma l-friefet. Hu l-Iben proprju, Iben waħdieni ta' Alla.

■ **Parabbola li bil-kemm titwemmen:** Fl-aħħar jiem tal-ħajja tiegħu, Ġesu' jirrakkonta parabbola, waħda mill-aktar parabbol li ma titwemminx fl-istruttura letterarja tagħha (Ġesu' ma kien iħabbel moħħu li jirrakkonta xi novella vera, l-importanti kien il-messaġġ). hija l-parabbola ta' dawk il-ħaddiema qattiela li kienu jaħdmu fl-għalqa tad-dwieli, li okkupaw l-art tas-Sid mingħajr ma tawh xejn f'kambju. Minħabba f'hekk is-sid bagħat lil xi qaddejja tiegħu biex jiġbor dak li kien tiegħu bi dritt. Il-ħaddiem tad-dwieli sawwtuhom. Is-sid bagħat oħrajn, iżda l-bdiewa qatluhom. U sa hawn ikolli ngħid li din hija storja eżaġerata.: kif qatt setgħu joqtlu lin-nies bħalhom u jibqgħu jgħadduha lixxa? Iżda hawnhekk il-parabbola tieħu issir aktar tal-ġenn. Is-sid jgħid: "Għandi iben waħdieni. Nibgħat lilu għaliex minn ibni jibżgħu". Issa għiduli ftit min hu dak il-missier li jaf li fil-għalqa tad-dwieli tiegħu għandu nies qattiela u briganti, ser jasal biex jirriskja l-ħajja ta' ibnu l-waħdieni? U fil-fatt il-ħaddiema ddeċidew li joqtluh, ħalli b'hekk jirtu il-patrimonju kollu tas-sid (min jaf f'liema ~Kodici nsibu miktub li l-wirt jgħaddi direttament għand il-qattiela!) Insomma fi kliem ieħor hija parabbola li ma titwemminx. Safrattant: seħħet kelma b'kelma.. Infatti Ġesu' kien ġie maqtul il-barra mill-għalqa tad-dwieli, 'il barra mill-ħitan ta' Ġerusalem. Hu kien il-Missierli bagħatu.

■ **Quddiemu ma jibqgħalniex ħaġa oħra għajr ninżlu għarkobtejna:** Poġġu dawn l-affarijiet kollha flimkien. Joħroġ ir-ritratt ta' bniedem eċċezzjonali, li jgħid li hu Alla. Provokazzjoni! Iżda aħna jeħtieġ li naċċettaw din il-provokazzjoni. għaliex jekk wieħed jippreżenta ruħu b'dan il-mod, jekk jgħid li hu Alla, m'hemm xejn x'tagħmel.: jew dan hu miġnun feroċi, u allura ma jistħoqqlu l-ebda stima minn naħa tagħna, jew inkella qed jgħid il-veru, u allura jeħtieġ li ninżlu għarkobtejna quddiemu. Iżda mhux biżżejjed li ngħidu: dan bniedem kbir.

■ **Ix-Xandira ta' l-Appostlu u x-xandira tagħna: Ġesu' qam mill-mewt! Ġesu' huwa Ħaj.** Infatti x;marru jħabbru l-appostli dwar Ġesu'? Il-qalba tal-messaġġ nisrani liemu hi? Kelma waħda: Irxoxta. L-Appostli erħewlha jiġru ma' kullimkien jgħidu li Ġesu' kien qam u li għadu ħaj. Għadu ħaj illum. Meta kont ngħallem fl-Istitut tal-Pastorali ġewwa Milan, kont taj lezzjoni dwar il-qawmien ta' Kristu. Hekk kif spiċċat il-lezzjoni, waħda sinjura resqet lejja u qaltli: " Allura int bis-serjeta' qed tgħid li Ġesu' huwa ħaj?" "Iva, sinjura, u qalbu qed tħabbat bħalma tħabbat tiegħi tiegħek" "Allura jeħtieġ limmur id-dar u ngħid lil żewġi". "Brava sinjura, ipprova mur għidlu hekk lil żewġek!" L-għada dik is-sinjura reġgħet ġiet ħdejja u qaltli: "Għidtlu, taf, lil żewġi!" "U hu x'qal?" staqsejtha. "Weġibni: u ħallini minnek. Dak fhimtu ħażin!" Bilħaqq dik kienet waħda katekista. Iżda miskina kienet mifxula. Tajtha recording tal-lezzjoni u tlabtha sabiex issemmgħu lil żewġha.

■ **Jekk inhu hekk, allura jieħu xejra oħra:** Ir-raġel ta' dik il-mara ċeda: "la darba huwa hekk, allura kollox jieħ˝xejra oħra." Aħsbu ftit u għiduli jekk dan hux veru: ***"Jekk dak ir-raġel, sabiħ, twajjeb, eċċezzjonali, hu verament Alla, u għadu fostna, allura kollox jieħu xejra oħra".*** ■

# Rokna għat-Tfal



Għeżież tfal,

Bil-għajnuna t'Alla reġa' wasal iż-żmien li niċċelebraw b'ferħ kbir il-festa tant għażiża għalina l-insara: il-Milied. Meta nsemmu din il-kelma, qalbna timtela' bil-ferħ u lkoll kemm aħna nħossu li għandna nħejju għaliha kif jixraq. Għandi nifhem li s'issa kulħadd lesta l-Presepju u s-Siġra tal-Milied; kulħadd ħaseb biex jixtri l-affarijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-festa. naħseb li kulħadd qed jistenna xi rigal sabiħ mingħand il-ġenituri tiegħu, jew mingħand ħutu, jew mingħand il-ħbieb. naħseb ukoll li intom diġa ħsibtu, jekk mhux diġa xtrajtu, dawk ir-rigali li ser tagħtu lil dawk li tħobbu.

Stennew ftit, tfal! Qed niftakar f'xi ħaġa! X'bi ħsiebkom tagħtu lil dawk it-tfal li huma inqas ixxurtjati minnkom? Araw li ma tinsewhomx, tafux! Tgħiduli, aħna x;nistgħu nagħtuhom? Agħtuhom minn dak kollu li tistgħu: flus, ħwejjeġ, ġugarelli, li tridu, basta tagħtuhom xi ħaġa. Ilkoll kemm intom tistgħu toffru l-għotja u r-rigal tagħkom. B'hekk tkunu qegħdin tferrħu lil dawn it-tfal. Il-Bambin tal-Milied jieħu gost ħafna bikom mreta jarakom daqshekk ġenerużi u qalbkom tajba.

***Aqraw ftit din l-istorja.***

Kienu grupp ta' ħaddiema mqabbdin mill-Kappillan biex jaqtgħu s-siġar li kellu fi ġnejna għax hemm kien ser jibni *rectory* ġdida għall-parroċċa. U ntebħu li f'siġra minnhom kien hemm bejta ta' l-għasafar, għadjom jofsqu, ipespsu u jistennew lill ommhom. Il-ħaddiema ddeċidew li din is-siġra ma jaqtgħuhiex, imma jagħmlu xi xogħol ieħor sakemm l-għasafar jikbru u jtiru.

U hekk għamlu. Meta l-għasafar ittajru ferħana taħt l-għajnejn għarriexa t'ommhom, il-ħaddiema qatgħu s-siġra u ġabu l-bejta. U skantaw mhux ftit meta fil-bejta sabu karta, parti minn ħafna oġġetti li l-omm kienet użat biex tibni l-bejta. U fuq din il-karta kien għadu jidher il-kliem: "Fik it-tama tiegħi, Mulej!" Kienet parti mill-Bullettin tal-Knisja.

Kienet kumbinazzjoni għax l-għasafarma jafux jaqraw, imma kultant anke l-istess kumbinazzjoni tgħallmek. U għal dawk il-ħaddiema dik il-biċċa karta mill-bullettin serviet ta' priedka kbira. Huma wkoll xtaqu li bħall-għasafar iqiegħdu t-tama tagħhom fil-Mulej għax jekk Dan ħa ħsieb l-għasafar, kemm aktar ser jaħseb fihom!

Dawk it-tfal sħabkom inqas ixxurtjati minkom qed jittamaw fil-ħniena tagħkom. Tinsewhomx.

***Il-Milied it-Tajjeb lilkom ilkoll, tfal!***

Tata'.

*Iz-Ziju Peppi.*

# IL-KOR "LAUDATE PUERI" FI FRANZA

Bejn is-17 u l-20 ta' Ottubru l-kor **"Laudate Pueri"** tal-Bażilika tagħna kien mistieden sabiex jipparteċipa f'Festival Internazzjonali ta' mużika sagra organizzat mill-***Echanges Culturels en Mediterranee*** li għandhom il-bażi tagħhom f'Marseille, Franza. kienet mawra ta' livell kulturali ħafna

Il-Kor li kien taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo, seta' mhux biss jagħti gost bl-interpretazzjoni fuq stil ta' l-iskola Rumana ta' motetti sagri li għalihom sar tant magħruf fi Gżiritna bħala esponent ewlieni, iżda seta' jappreżża stili differenti ta' interpretazzjoni ta' mużika sagra medjoevali minn esponenti esperti minn pajjiżi diversi ta' l-Ewropa Mediterranea. Kienet tassew esperjenza ta' skambju kulturali mil-aqwa.

Matul il-mawra tiegħu, li għalkemm qasira kienet intensa ħafna, il-Kor żar bliet u postijiet ta' interess kulturali u storiku kbir bħalma huma Marseille, Aix-en-Provence, Gemenos, u Avignon. F'dawn l-ibliet il-Kor esegwixxa kunċerti ta' motetti sagri fil-Katidrali tagħhom u kanta ukoll waqt quddiesa fil-Knisja ta' l-Ordni tal-kavallieri ta' San Ġwann li tinsab f'Aix-en-Provence.

Il-programm li ppreżenta l-Kor u li ġie milqugħ b'entużjażmu u apprezzament kbir mill-pubbliku kolt Franċiż, fosthom residenti Maltin f'Marseille u fl-ibliet ta' madwar, kien jinkludi fost l-aqwa xogħolijiet ta' Palestrina, Bartolucci u ta' Joseph Vella. Il-Prof. Mro. Joseph Vella akkumpanja l-Kor matul iż-żjara tiegħu u li kien strumentali biex din iż-żjara setgħet saret b'suċċess kbir li saret.

Għal Kor tagħna din kienet okkażjoni oħra li fiha għamel unur mhux biss lilu nnifsu, iżda fuq kollox lill-pajjiżna u lill-Knisja għażiża tagħna.

Siltiet minll-Kunċerti li ta l-Kor ġew imxandra fil-programm televiżiv "Mediterraneo" nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru fuq RAI 3. ●

## Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:

| | |
|---|---|
| Emanuel Zammit (Sydney) | 50 Aus.$ |
| Gigi Said (Sydney) | 50 Aus.$ |
| Mr.& Mrs. Ant, Grech (Dearborn) USA | 20 US $ |
| Joe Formosa (Victoria) | Lm5 |
| Kan. On. Coronato Grima | Lm2 |
| Rev.Fr. Jos. Grech (USA) | Lm10 |
| Anton Ellis (Londra) | Lm10 |
| Joseph Galea (Nadur) | Lm2 |

## PROĠETT KBIR TA' RESTAWR FIL-BAŻILIKA TA` SAN ĠORĠ

*Rapport dettaljat dwar il-festi li saru fl-okkażjoni tal-proġetti ta' restawr jidhru f'ħarġa speċjali ta' "Il-Belt Victoria".*

# Ittra mill-Ethiopia

Ftit tal-ġimgħat ilu, Mons. Arċipriet irċieva ittra li kienet ġewwa mingħand Sr. Josepha Gauci, Soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesu', li ftit tas-snin ilu marret taħdem bħala Missjunarja hemmmhekk. Ħassejna li tkun ħaġa sabiħa li t-tagħrif li tat Sr. Josepha ngħadduh lill-qarrejja ta' "Il-Belt Victoria", ir-rivista tal-Parroċċa tagħna u li taslilha regolarment fl-Etjopja.

*"Wisq Rev. Arċipriet,*

*Ilni ħafna biex niktiblek kelmtejn u nesprimi r-ringrazzjamenti tiegħi ta' kull darba li tibgħatli ir-Rivista "Il-Belt Victoria". Tgħidx kemm naqraha b'interess, għax hekk inkun naf x'qed isir fil-Parroċċa tagħna. Tassew grazzi mill-qalb. Insibha ħafna interessanti u ta' għajnuna.*

*Jiena għal grazzja t'Alla ninsab tajba fix-xogħol ta' responsabilta' hawnhekk fil-Missjoni. Inżur spiss il-komunitajiet tagħna fl-Ethiopia (3) u kif ukoll dawk tal-Kenya (2). Il-Mulej qed isejjaħ ħana vokazzjonijiet u jmiss lilna li dawn inrawwmuhom sewwa skond il-Kariżma tal-Kongregazzjoni għażiża tagħna.*

*Dan jitlob xogħol dejjiemi u fil-fond għax skond il-pedament imbagħad inkunu nistgħu nibnu. Hawnhekk fl-Ethiopia bħalissa (Ġunju/Lulju) l-iskejjel qegħdin fil-vaganzi bħal Malta, iżda it-temp huwa xitwi; infatti xita kuljum, pero' mhux ksieħ. Id-diffikultajiet ma jonqsux, iżda Dak li jqawwina, insibu dejjem lest li jgħinni u jqawwini f'dak kollu li għandi bżonn. Iktar ma nintelqu fit-tmexxija tal-Mulej, iktar insibu li nkunu nistgħu nagħmluH magħruf u maħbub minn kulħadd u kullimkien, skond kid titlob il-Kariżma tagħna.*

*Kull fejn immur insib lil min ngħin, u hekk, qagħad ma hawnx. Kollox għall-glorja Tiegħu u għall-ġid ta' uliedu. Filwaqt li nselli għalik ħafna, inwegħdek it-talb fqir tiegħi u nitolbok ukoll titlob għalija ħalli flimkien inwettqu il-ħidma tagħna għaliH. "Kollox nistgħu f'dak li jqawwijna"*

*Sr. Josepha Gauci.*

**Xieraq li anke aħna ngħinuha bit-talb tagħna. Xieraq li dan il-Milied li ġej niftakru wkoll fil-missjunarji kollha, b'mod speċjali dawk tal-parroċċa tagħna li jinsabu l-bogħod minn pajjiżna. Min irid li f'dan il-Milied jagħti xi ħaġa tal-flus għal dawn il-Missjunarji, huwa mitlub li jikkuntattja lill-Uffiċċju Parrokkjali.**



*Tfal foqra f'waħda mill-missjonijiet ta' Sr. Josepha fil-Kenja. dawn huma "street children" li għalihom immexxu skola fejn nistgħu ngħinuhom. Fil-ġenb tidher il-Knisja ġdida li qed tinbena għan-nies Kattoliċi tal-qrib u li ser isservi wkoll bħala klassijiet għall-iskola ta' dawn it-tfal. Dawn is-Sorijiet jiddependu mill-ġenerożita' tal-Benefatturi).*



## ABBATI MILL-KOMUNITA' PARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ JINTAGĦŻEL BIEX JAGĦTI SERVIZZ F'SAN PIETRU

Bejn il-5 ta' Awissu u l-5 ta' Settembru ta' din is-sena, Michael Formosa, iben Joseph u Maria Formosa, u li joqgħod Sunflower, Triq Cetta Mintoff, Victoria, intagħżel sabiex flimkien ma' Abbati Għawdxi iehor u numru ta' abbatini Maltin imorru Ruma u hemmhekk jagħtu servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru. Michael, li jattendu it-Tieni Sena fis-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu', Victoria, huwa Abbati li joffri s-servizz tiegħu fil-Knisja ta' Dar Manresa, li tinsab qrib id-dar tiegħu. Kemm damu fil-Vatikan dawn l-Abbatini kieni alloġġjata fil-Pre-Seminario San Pio X, u minbarra s-servizz li taw waqt il-funzjonijiet li saru fil-Bażilika ta' San Pietru, kellhom ukoll Udjenza Speċjali mal-Q.T. il-Papa fil-Heliport tal-Vatikan. Huma żaru ukoll il-Belt ta' Assisi, Castel Gandolfo u ħafna postijiet oħra ta' interess. Aħna nifirħu lil Michael u nawgurawlu li l-esperjenza miksuba dan is-sajf tgħinu jimxi 'il quddiem fil-ħajja tiegħu.

**ĊANS TAD-DEHEB**

**Għal bejgħ FLAT imdaqqas il-Furjana IDEALI għall-Għawdxin li jaħdmu/jistudjaw f'Malta Ċempel/Staqsi.......560248**

# IL- "CHORUS URBANUS" F'NOTTINGHAM, L-INGILTERRA

Il- "CHORUS URBANUS", għal darba oħra, rega' ħalla x-xtut Maltin biex jagħti diversi kunċerti f'Nottingham, fl-Ingilterra. L-istedina għal din iż-żjara fl-Ingilterra waslet lill-Kor, propju meta kien qed jiċċelebra l-20 Anniversarju mit-twaqqif uffiċċjali tiegħ', f'Diċembru 1995

L-istedina waslet mit-***Thoresby Colliery Brass Band*** li hi residenti f'Edwinstowe. Id-diriġenti wrew ix-xewqa li jsir *"exchange programm"* mal-Chorus Urbanus. Il-Kor kellu jmur f'Nottingham din is-sena, filwaqt li l-Brass Band iżżur Għawdex is-sena id-dieħla.

Matul iż-żjara tiegħu l-Kor kellu erba' impenji mużikali mportanti. L-ewwel dehra tiegħu kienet nhar is-Sibt, 14 ta' Setembru 1996, fejn il-Kor flimkien mal-Brass Band, kanta f'Worksop College. F'din is-Serata l-Kor kanta siltiet waħdu u oħrajn akkumpanjat mit-Thoresby Colliery Brass Band, bis-sehem tal-Baxx Solista Noel Galea. Indaqq koll il-Concertino ta' Weber għall-Klarinett bis-sehem tas-solista Mario Galea u t-Thoresby Colliery Brass Band taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Fl-intervall sar riċeviment fl-Awla ta' dan il-Kulleġġ fejn il-membri tal-Kor kellhoml-okkażjoni jiltaqgħu ma' bosta mistednin distinti.

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Settembru fil-10.00a.m. l-Kor kanta waqt *"High Mass"* f'St. Joseph Catholic Church li tinsab f'Sherwood Avenue, ġewwa Ollerton. Din il-knisja hija waħda moderna għall-aħħar u ġiet mibnija mill-ġdid u kkonsagrata proprju tmin xhur ilu. Il-Knisja ta' qabilha kienet ċediet u ġġarfet u għalhekk kellha tinbena mill-ġdid.

Il-Ħadd ukoll fis-7.30 p.m.il-Kor u l-Brass Band taw Kunċert fis-Sala tat-Thoresby Welfare Centre f'Edwinstowe, is-sede tal-Brass Band. Għal dan il-Kunċert kienu mistiedna s-soċi u mistiedna distinti oħra. Fit-tmiem tal-Kunċert, il-Kor għadda ħin twil fil-kumpannija tal-Bandisti u ħbieb oħra jixorbu u jitkellmu dwar bosta aspetti li jirrigwardaw il-Kor, il-Brass Band, iż-żjara fl-Ingilterra u dwar Malta u Għawdex.

Ir-raba' impenn, l-aktar wieħed impenjattiv u prestiġġjuż kien dak ta' nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru, li sar fil-Kattidral ta' St. Barnabas ta' Nottingham. Il-Kor ħalla Edwinstowe filgħodu lejn il-belt ta' Nottingham. Wara dawra mal-Belt u żjara lil Caves fejn setgħet tiġi apprezzat is-


*Il-Kor u l-Banda f'Nottingham Cathedral*

sbuħija u l-istorja ta' din il-belt, fit-3.00pm il-Kor għamel żjara ta' korteżija lix-Sheriff tal-Belt f'Council House. Il-Kor ġie milqugħ mil-Ladu Sheriff. sar diskors mill-President, is-Sur Edward Scerri u bħala tifkira ppreżenta diary bil-cover tal-fidda lix-Sheriff. Hija wieġbet b'diskors qasir li fih qalet kemm kienet apprezzat dan il-ġest u l-ħidma tal-Kor f'din iż-żjara kulturali. Hi temmet tgħid li tixtieq li xi darba żżur pajjiżna. Wara l-Kor kien mistieden għal *'high tea'* max-Sheriff u anke mdawwar mal-Council House kollha, inkluża s-Sala fejn isiru l-laqgħat tal-Kunsill ta' Nottingham u l-Uffiċċju Personali tax-Sheriff innifsu.

Iżda l-impenn l-aktar prestiġġjuż sa dak in-nhar fil-għaxija fil-Kattidral ta' Nottingham. L-akustika ta' dan il-Kattidral hi verament perfetta u għenet mhux ftit biex dan il-kunċert ikun wieħed ta' suċċess distint. Il-korsija kienet mimlija b'bpsta mistednin li xi wħud minnhom ġew minn postijiet imbegħda fl-Ingilterra. Il-Kor, taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea kanta bosta siltiet li ġew applawditi mill-pubbliku preżenti. Ħadu sehem ukoll is-solisti Noel Galea, Baxx, Yvonne Galea, Sopran u Mario Galea, Klarinett Solo. Dawn is-solisti rċivew applawsi kbar għall-interpretazzjoni tagħhom. It-Thoresby



Colliery Brass Band, taħt id-direzzjoni ta' Stan Lippeatt B.A., L.R.S.M. daqqew bosta numri mużikali filwaqt li akkumpanjaw lill-Kor waqt il-kant ta' *"Georgius Natus Est"* u l-*Battle Hymn of the Republic"*. Ta' min igħid li kull kunċert kien jiftaħ b'fanfara u d-daqq tal-*"God Save the Queen"*, filwaqt li kien jiġi fi tmiemu bid-daqq u l-kant ta' l-*Innu Malti.*

Fil-mawra f'Nottingham il-Kor kellu wkoll waqtiet ta' divertiment. Il-Kor żar Sherwood Forest, il-foresta marbuta mal-leġġendarju Robin Hood, fejn qatta' nofs ta' nhar sħiħ idur u japprezza l-ħdura ta' din il-foresta. Il-Kor żar ukoll il-Belt ta' Lincoln u l-Kattidral famuż tagħha. Saret żjara wkoll lil Alton Towers fejn għadda jum ta' divertiment f'dan il-park li joffri divertiment eċċitanti għall-familja kollha.

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Settembru, Mro. John Galea f'isem il-*"Chorus Urbanus"*, David Scott bħala organizzatur u Walter Daglish f'isem it-Thoresby Colliery Brass Band ġew intervistati *"live"* fuq Radio Nottingham BBC. Barra dettalji dwar il-Kor u ż-żjara tiegħu f'Nottingham ingħata wkoll tagħrif dwar Għawdex. ta' min jgħid li Radio Nottingham hu l-istazzjoni l-aktar mismugħ fl-Ingilterra.

Matul din iż-żjara fl-Ingilterra, il-Kor żar ukoll Mansfield, Worksop, Chesterfield, Doncaster u postijiet oħra. Iż-żjara ġiet fi tmiemha b'*farewell party* kbir fid-Dukeries Public House, f'Edwinstowe. Il-membri tal-Kor kienu mistiedna għal-lejla ta' divertiment. F'din l-okkażjoni ġew regalati bosta mementos. Il-Kor ġie regalata b'lampa tal-minjieri billi din il-lokalita' hija rinomata għall-minjieri tal-faħam, kif ukoll ritratt tat-Thoresby Colliery Brass Band. Għan-nom tal- *"Chorus Urbanus"* , il-President Edward Scerri ippreżenta Diary bil-cover tal-fidda lill-President tal-Brass Band; is-Segretarju George Borg ippreżenta 'taglia carte' tal-fidda lil Mr. Sam Lippeatt, id-Direttur tal-Banda, filwaqt li Mro John Galea, Direttur tal-Kor, ippreżenta kwadru pittura li juri parti mill-Bażilika ta' San Ġorġ, xogħol Mark Sagona, Teżorier u membru tal-Kor lil David Scott li kien l-organizzatur ta' dan l-*'exchange'.* Għal din l-okkażjoni tal-mawra tal-Kor fl-Ingilterra, gie stampat booklet apposta.

A+M PRINTING LTD - 553217